**Minuti tad-disgħa u sebgħin laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv St Peter**

Id-79 laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv St Peter saret nhar il-Ħamis 10 ta' Marzu 2016 fis-6.00 ta' filgħaxija.

Item 1 – Attendenza u Apoloġiji

Preżenti kienu ċ-*Chairperson* is-Sur Mario Bartolo, il-Viċi-*Chairperson* is-Sur Luciano Farrugia, is-Sur Norman Clews u s-Sur Joseph Agius. Fuq proposta tas-Sur Bartolo li ġiet issekondata mis-Sur Farrugia, il-Kumitat qabel unanimament illi s-Sur Azzopardi jkun skużat milli jattendi għal-laqgħa.

Item 2 – Approvazzjoni tal-Minuti

Fuq proposta tas-Sur Bartolo li ġiet issekondata mis-Sur Agius, il-Kumitat qabel unanimament li ssir korrezzjoni fl-ewwel paragrafu ta' paġna 70 u minflok il-kliem "€1,000" jidħol il-kliem "€600".

Il-minuti tat-78 laqgħa ġew unanimament approvati kif emendati fuq proposta taċ-*Chairperson* li ġiet issekondata mis-Sur Agius.

Item 3- Mistoqsijiet u Affarijiet mill-Minuti

Is-Sur Bartolo semma l-ħtieġa li jinżabru s-siġar li hemm maġenb il-*pitch* tal-boċċi u qal li dan ix-xogħol mistenni jsir fi żmien qasir.

Item 4 – Korrispondenza

Inqraw il-minuti tal-Laqgħa Annwali Pubblika 2016.

Iċ-*Chairperson* informa lill-Kumitat illi s-Sur Nicholas Azzopardi kien naqas milli jattendi għal aktar minn terz tal-laqgħat tal-Kumitat li saru fil-perjodu bejn is-17 ta' Settembru 2015 u l-11 ta' Frar 2016. Fuq proposta taċ-*Chairperson* li ġiet issekondata mis-Sur Farrugia, il-Kumitat qabel unanimament li jitlob lill-Ministru biex is-Sur Azzopardi jiġi skużat u l-post tiegħu ma jiġix iddikjarat battal.

Item 5 – Xogħol tal-Kumitat

Estimi Annwali 2016

Fuq proposta tas-Sur Farrugia li ġiet issekondata mis-Sur Agius, il-Kumitat Amministrattiv approva unanimament l-Estimi Annwali Finali għas-sena 2016.

Pjan ta' Ħidma

Fuq proposta taċ-*Chairperson* li ġiet issekondata mis-Sur Clews, il-Kumitat approva unanimament ukoll il-Pjan ta' Ħidma għas-snin 2016-2018.

Item 6 – Affarijiet Oħra

Is-Sur Agius informa lill-Kumitat illi kienu twaħħlu l-bozoz fi Triq San Leonardu ħdejn il-plant tal-Milord, fi Triq San Leonardu wara l-*pitch* tal-boċċi u fi Triq il-Marżebb ma' Triq iż-Żarżarell. Dawn il-bozoz issa ser jibdew jixgħelu hekk kif jiġu mqabbda massistema ta' *street lighting*.

Iċ-*Chairperson* semma l-istemma tal-Kumitat Amministrattiv u talab li jsir kuntatt mal-Ministeru tal-Onorevoli Dr Stefan Buontempo biex il-Kumitat Amministrattiv jibda juża l-istemma uffiċjali tiegħu wara li din tiġi uffiċjalment ippubblikata.

Dwar il-blokok tal-*concrete* li hemm fi Triq l-Għakrux u li jridu jiġu spustjati għal Triq il-Farfett tal-Fejġel, iċ-*Chairperson* qal li kien ser jagħmel kuntatt tal-kuntrattur S. Mifsud Ltd biex dawn jiġu spustjati.

Iċ-*Chairperson* tkellem dwar Triq iż-Żarżarell u qal li jeħtieġ li din it-triq tiġi rranġata filwaqt li jsir ċint ta' tliet filati biex ma tibqax tiġi mkissra *inspection chamber* li hemm fit-triq.

Rigward it-talba li tiġi rranġata l-bankina quddiem ir-residenza nru 25 'Seisun Court' fi Triq is-Sebbellika, il-Kumitat qabel unanimament fuq proposta taċ-*Chairperson* li ġiet issekondata mis-Sur Farrugia, li din tiġi rranġata.

Is-Sur Farrugia tkellem dwar il-bżonn li jsir *bus shelter* fi Triq l-Għakrux.

Fl-aħħarnett iċ-*Chairperson* talab li jsir ċint maġenb 'Sweet Jesus Court' fi Triq il-Farfett tal-Fejġel.

Il-laqgħa spiċċat fis-7:30 ta' filgħaxija.

Duncan Busuttil
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fit-80 laqgħa tal-Kumitat li saret nhar il-Ħamis, 10 t' April 2016.

Mario Bartolo
*Chairperson*